## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 92/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anthony Portelli)**

**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Ryan Briffa**

**Omissis**

Seduta tal-10 ta' Novembru, 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra *omissis* u Ryan Briffa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 169990M u Omissis akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Ġewwa l-Mosta nhar id-9 ta’ Novembru 2011 għall-ħabta tas-6:00 ta’ filgħodu, bil-ħsieb li jagħmlu delitt, u cioe’ serq minn ġewwa r-residenza no. 227 ‘Ave Maria’, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, urew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tagħhom u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri €2,329.37, bil-ħin, bil-mezz, u bil-lok u dan sar għad-detriment ta’ Maria Sant persuna anzjana ta’ aktar minn 60 sena u/jew persuni oħra ;

2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkommettew serq ta’ flus mill-imsemmija residenza, cioe’ no. 227 ‘Ave Maria’, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, bil-mezz, bil-lok u valur li jeċċedi €232.94 iżda li ma jeċċedix €2,329.37, u dan sar għad-detriment ta’ l-imsemmija Maria Sant u/jew persuni oħra ;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe’ ħsara fil-bieb prinċipali ta’ l-imsemmi fond, liema ħsara teċċedi €116.47, u dan sar għad-dannu ta’ l-imsemmija Maria Sant u/jew persuni oħra ;

4. **Ryan Briffa** waħdu akkużat talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, fil-ħin li kien qiegħed jagħmel delitt ta’ serq u ħsara lil propjeta’ kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari (mus) ;

5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta' (mus) mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Kiser il-provediment ta' żewġ sentenzi ta' tlett(3) xhur priġunerija sospiżi għal sentejn mogħtija lilu fis-17 ta' Gunju, 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dott. Saviour Demicoli LL.D, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula ;

7. Kiser il-provediment tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien gie misjub ħati, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D datata 15 ta' Gunju, 2009, u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu ;

8. ***Omissis*** waħdu talli kiser il-provediment tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misjub ħati, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D. datata 4 ta' Awwissu, 2010, u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu ;

9. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona LL.D. fil-21 ta' Jannar 2010 u sussegwentement mibdula mill-Qorti ta' l-Appell preseduta mill-Imħallef David Scicluna LL.D., f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, u dan taħt depożitu ta' 12,000 euro jew li jġib

plegg tajjeb li jobbliga ruħu bil-miktub għall-imsemmija somma ta' 12,000 euro, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Audrey Demicoli LL.D. fit-3 ta' April 2009 u sussegwentement mibdula mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Prim Imħallef Vincent De Gaetano LL.D, fid-19 ta' Gunju 2009, f'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, u dan taħt depożitu ta' €5,000, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta ;

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Omissis u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €12,000 w s-somma ta' €5,000 bħala depożitu jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija titratta lil imputati bħala li saru reċedivi ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-27 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-10 ta' Lulju 2012 u senjatament l-

Artikoli 17, 261(b), (c), (e), 263, 267, 269, 278(1)(3), 279(a), 280(2), 325(1)(b), 28B u C, 31, 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 55(a), 56, 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 7, 21, 23 u 24 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-imputat Ryan Briffa ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u ikkundannatu erba' (4) snin u sitt (6) xhur priġunerija. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni.

Wara li rat l-Artikoli tal-Liġi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju għall-Gudizzju tal-10 ta' Lulju 2012 u senjatament l-Artikoli 17, 261(b), (c), (e), 263, 267, 269, 278(1)(3), 279(a), 280(2), 325(1)(b), 28B u C, 31, 49, 50, 289 u 579 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 21, 23 u 24 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-*omissis* ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tat-tmien (8), tad-disa' (9) u tal-għaxar (10) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u ikkundannatu erba' (4) snin u sitt (6) xhur priġunerija. Il-Qorti iddikjarat lill-*omissis* mhux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni. Il-Qorti inoltre ordnat ir-ri-arrest b'effett immedjat tal-imputat fejn huwa ingħata il-ħelsien mill-arrest permezz tad-digrieti ndikati fid-disa' (9) u fl-għaxar (10) imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tat-turnavit mmarkat bħala Dok. EC7 esebit fl-udjenza tal-24 ta' Novembru

2011 u tas-sikkina kontenuta fl-envelope mmarkat bħala Dok. EC6 ukoll esebit waqt l-udjenza tal-24 ta' Novembru 2011.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputati sabiex iħallsu lir-Reġistratur tal-Qorti in kwantu għal nofs kull wieħed mis-somma ta' erba' mija u għoxrin ewro u disgħin ċenteżmu (€420.90) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ u dan fiż-żmien xahar minn meta jiġu hekk mitluba bil-miktub mill-istess Reġistratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Ryan Briffa**, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Marzu, 2014, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tvarja** s-sentenza fis-sens li **tikkonfermaha** in kwantu din sabet lill-appellant Ryan Briffa mhux ħati tal-ewwel akkuza [recte: imputazzjoni], u in kwantu sabitu ħati tat-tieni akkuża (eskluża l-kwalifika tal-ħin), tar-raba' akkuża u tal-ħames, iżda tirrevokaha in kwantu din sabitu ħati tal-kwalifika tal-ħin fit-tieni akkuża, tat-tielet akkuża, tas-sitt akkuża u tas-seba' akkuża, u in kwantu kkundannatu għal erba' snin u sitt xhur priġunerija, u dan billi anke illiberatu mill-imsemmija imputazzjonijiet.

Semghet lix-xhieda konsistenti fil-Ufficcjali tal-Probation;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet lill-partijiet fis-sottomissjonijiet orali taghhom;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati huma li wara telefonata anonima li persuni kienu intlemhu jizgassaw bieb ta' residenza, l-Pulizija minnufih marru fuq il-post u minn tieqa zghira fuq il-bankina li taghti ghall-kantina raw żewġt irġiel iqalbu fl-ghamara. X'ħin indunaw bil-pulizija, ż-żewġt irġiel ħarbu u l-istess pulizija sabuhom jistaħbew wara ċinta fuq il-bejt tal-istess residenza u wara tfittxija fiha sabu liz-zewg imputati mistohbija fuq il-bejt u dan filwaqt li r-residenti, mara anzjana, kienet il-quddies. Fuq il-persuna ta' ommissis instabet is-somma ta' €350 maghmula minn karta ta' euro u l-bqija kollha karti tal-ghoxrin euro li hija l-istess somma, bl-istess denominazzjonijiet kif deskritta mir-residenti meta ma sabitx l-ammont ta' flus fejn halliethom. Inoltre, fuq l-imputati instabu xi oggetti ohra ta' valur li kienu jappartjenu lir-residenti. Fi kliem iehor, l-imputati inqabdu *inflagrante delitto.* Issa, ghalkemm l-imputati ma ammettewx l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, fl-appell minnhom interpost ma humiex qed jikkontestaw s-sejbien ta' htija fir-reat ta' serq izda jillanjaw l-ezistenza tal-aggravanti fis-serq ghaliex dan zied fil-piena kominata mill-ewwel Qorti;

2. Intant, l-ewwel lanjanza tal-appellant tirrigwarda dik il-parti tat-tieni imputazzjoni li biha l-ewwel Qorti mhux biss sabet htija fih fir-reat ta' serq, izda sabet ukoll rizultanza fl-aggravanti ossia l-kwalifika tal-hin wara li kienet l-istess Qorti li rrimarkat li ma

ngabitx prova li s-serqa saret fid-dlam. Ghalhekk isostni li kellu jkun liberat mill-kwalifika tal-ħin;

3. Ezaminata s-sentenza appellata jirrizulta dak allegat mill-appellant meta l-ewwel Qorti kkunsidrat li: "*...kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza ta' Ryan Briffa minn imkien mill-provi ma jirrizulta li fil-hin (6.00am) li z-zewg imputati nqabdu fuq ix-xena tad-delitt kien ghadu d-dlam*". Minkejja, dan, fid-*decide* taghha, l-Qorti sabet htija *inter alia* fit-tieni imputazzjoni minghajr ma eskludiet il-kwalifika tal-hin u minghajr ma indikat l-artikoli 261(f) u 270 tal-Kodici Kriminali li huma l-artikoli li jikkwalifikaw s-serq b'dik tal-hin. Huwa evidenti ghalhekk illi dan kien *lapsus* da parti tal-ewwel Qorti u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tirratifika n-nuqqas billi tillibera lill-imputat minn din il-kwalifika u jekk ikun il-kaz issir varjazzjoni fil-piena kominata;

4. Fit-tieni gravam tieghu, l-appellant jaghmel referenza ghat-tielet imputazzjoni u jargumenta illi ma kellux jinstab hati taghha, jigifieri talli ikkommetta hsara volontarja fi hwejjeg haddiehor u dawn ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, il-Qorti ddikjarat li l-hsara volontarja fil-bieb tar-residenza kawza tal-izgass kienet ser tqisha bhala mezz ghall-fini u fit-tieni lok, il-Pulizija stess zgassaw l-istess bieb ghaliex sabuh mghaluq u kienu huma li ghamlu hsara fl-istess bieb. Konsegwentement ma ghandux ikun misjub hati darbtjen fuq l-istess fatt.

5. Illi mid-deposizzjoni tal-ispettur Edmond Cuschieri (a fol 30 tal-proċess) jirrizulta illi meta l-Pulizija waslu fuq il-post sabu li l-bieb

tar-residenza kien magħluq izda kien hemm sinjali ta' llivar ( ritratti a fol 127 u 130). X'ħin semgħu l-pulizija ż-żewġ suspettati daħlu jiġru 'l ġewwa u għalhekk il-pulizija ma kellhomx għażla oħra ħlief li jizgassaw l-bieb mill-gdid biex jidħlu. Ir-ritratti esebiti mis-Scene Of Crime Officer juru hsarat konsistenti f'illevar sabiex infetah il-bieb. Certament dan ma sarx mill-Pulizija izda minn min sgassa l-bieb qabilhom. L-ewwel Qorti kkunsidrat l-fatt li għalkemm l-Pulizija kellhom jisgassaw il-bieb sabiex jidħlu, '*huma għamlu dan sabiex jaqbdu l-malviventi u fi kwalunkwe każ il-Qorti jidhrilha li l-fatturi kollha appena indikati ma jħallu ebda dubju li anki l-imputati sgassaw il-bieb ta' barra tal-fond sabiex daħlu. Isegwi li tirriżulta wkoll ir-reita' għall-**ħsara volontarja għalkemm dan ir-reat ser jitqies bħala mezz għall-fini tar-reat ta' serq.' (fol 344).***;

6. L-appellant iressaq ukoll l-argument illi " *b'zieda mal-fatt li l-imputati jsostnu li huma ma kellhomx bzonn jikkawzaw hsarat biex jidhlu gewwa..*" Bid-dovut rigward, l-imputati, kif kellhom dritt jaghmlu, ma xehdux, u ghalhekk ma jistghux isostnu dak li ma qalux u minn imkien ma jirrizulta illi meta introducew ruhom fil-fond ghamlu hekk minghajr ma kellhom bzonn jirrikorru ghall-mezzi ta' zgass. Konsegwentement dan l-argument mhux ser ikun konsiderat. Issa, kwantu l-argument ta' sejbien ta' htija darbtjen fuq l-istess fatt, ma jirrizultax li dan huwa l-kaz ghaliex fl-ewwel lok fatt jista jaghti lok ghal-imputazzjoni taht provvedimenti diversi tal-ligi. Fit-tieni lok l-imputazzjoni ta' hsarat volontarji hija ndipendenti minn dak li l-appellant isejjah bhala l-imputazzjoni tal-mezz ghaliex dak huwa kwalifika li jaghti lok ghal-zieda fil-piena u mhux reat fih iniffsu. Inoltre, meta l-Qorti

tirritjeni illi wiehed mir-reati huwa mezz ghall-fini tista' taghmel hekk wara li ssib htija fih u mhux biex ma tikkonsidrax dak ir-reat. L-effett imbaghad jkun fil-piena kif jiddisponi l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti ghalhekk kienet korretta fid-decizzjoni taghha in rigward. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

7. Illi fit-tieni gravam, l-appellant jillanja dik il-parti tas-sentenza li biha nstab hati tas-sitt imputazzjoni u jressaq l-argument illi għalkemm s-sentenzi esebiti ma kienux ċari dwar jekk il-Qorti diversament preseduta kienitx qed tirrendi s-sentenza sospiża operattiva, fid-deċide taghha l-Ewwel Qorti għaddiet biex sabet lill-appellant ħati ta' din l-akkuża. Fis-sitt imputazzjoni l-imputat kien mixli li kiser il-provediment ta' zewg sentenzi ta' tliet xhur prigunerija sospizi ghall-sentejn moghtija kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta' Gunju, 2010. Dan l-aggravju, izda huwa wiehed fierah ghaliex meta l-ewwel Qorti ezaminat is-sentenzi esebiti u dawk sussegwenti kienet f'dubju jekk is-sospensjoni taghhom kienux rezi effettivi jew le b'sentenzi sussegwenti u rriteniet hekk: "*Din il-Qorti sejra għalhekk issib lill-imputat ħati tas-sitt imputazzjoni iżda ser tapplika d-dubju favur tiegħu u mhux ser tirrendi t-tliet xhur priġunerija li kienu sospiżi operattivi'. (sottolinear ta' din il-Qorti);*

8. Illi fl-atti processwali w in sostenn tas-sitt imputazzjoni, hemm esebiti a fol 145 u 147 mill-prosekuzzjoni zewg sentenzi moghtija fl-istess jum mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura tas-17 ta' Gunju, 2010 per Magistrat Dr. Saviour Demicoli. F'wahda minnhom, wara sejbien ta' htija ghal sewqan

minghajr licenzja fis-6 ta' Gunju 2009 l-imputat Ryan Briffa kien *inter alia* kkundannat ghal-zmien tliet (3) xhur pigunerija sospizi ghall-sentejn fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. L-imputat, izda, kien esebixxa kopja ta' tlett sentenzi lkoll moghtija fil-15 ta' Mejju, 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex juri li f'dawn l-ahhar sentenzi kien kkundannat talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt l-operat ta' sentenza sospiza senjatament dik tas-17 ta' Gunju, 2010. L-appellant, izda, ma kellux ragun in rigward ghaliex f'dawk is-sentenzi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma dahlitx fis-sehh espressament is-sentenza tas-6 ta' Gunju, 2010 u kkundannatu ghal-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u multa ta' €6,900.00 f'wahda minnhom, sena habs u multa ta' €2,000.00 u sena habs u multa ohra ta' €2,000.00 fl-ohrajn. Dik il-Qorti ma ghamlet l-ebda referenza ghall-artikoli 28A sa H tal-Kodici Kriminali sabiex iddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza li kellha tkun addizzjonali ghall-piena erogabbli ghar-reati l-ohra. Minkejja dan, izda, l-ewwel Qorti decidenti l-kaz hawn skrutinat, rravizat dubju u ghalhekk ddikjarat li ghalkemm kienet ser issib htija f'dik l-imputazzjoni ma kienitx ser timponi piena dwarha. L-Avukat Generali ma appellax dwar dan u ghalhekk l-appellant ma arreka l-ebda pregudizzju. Din hija r-raguni ghaliex dan l-aggravju qed ikun dikjarat frivolu u ghalhekk qed ikun michud;

9. Bir-raba' gravam tieghu, l-appellant jillanja dik il-parti tas-sentenza fejn instab hati li kiser l-provvediment ta' probation mogħtija b'sentenza definittiva mill-Maġistrat Dr A. Mizzi fit-13 t'April, 2010 (Fol 143). Huwa kien misjub ħati u l-Qorti kienet ikkundannatu sitt (6) xhur priġunerija . Għalhekk ma jistax

jinstab ħati li kiser l-istess probation order meta kien diġa tressaq u instab ħati;

10. Illi fit-13 t'April, 2010 l-imputat kien misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Antonio Mizzi *inter alia* li kiser il-provvediment tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fil-15 ta' Gunju 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tkun mibdula. Jidher ghalhekk illi din is-sentenza qed tirreferi ghal dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona. Fis-sentenza per Magistrat decident Dr. Antonio Mizzi instabet htija ghal dan il-ksur u fi kliem frankament wisq ekonomiku wara visto tal-artikolu 21 tal-kapitolu 446 kkundannat lill-imputat ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija. Issa ghalkemm il-Qorti setghet kienet aktar cara billi uzat il-kliem adoperat fl-artikolu 21, jigifieri li kienet qed titratta mal-imputat ghal ksur tal-Ordni ta' Probation, u dan sabiex ma jkun hemm ebda ekwivoku fil-futur, kif fil-fatt gara, l-effett huwa l-istess u ghalhekk huwa evidenti illi l-imputat appellant gia hallas ghal dak in-nuqqas. Ifisser dan illi l-imputat ghandu ragun f'dan l-aggravju li qed ikun akkolt u konsegwentement filwaqt li ser tghaddi biex tilliberah mis-seba' imputazzjoni ser tikkunsidra dan ghal-fini ta' tnaqqis ta' piena jekk ikun il-kaz;

11. Illi fil-hames u l-ahhar aggravju, l-appellant jillanja l-piena kominata u jallega li din hija wahda severa u dan bla pregudizzju ghall-fatt illi kemm il-darba jintlaqghu l-aggravji tieghu ghandu jibbenefika minn tnaqqis fil-piena. Dwar dan il-

punt, il-Qorti investiet u ddedikat hafna hin bil-hatra ta' ufficcjali tal-probation sabiex tezamina s-sitwazzjoni attwali tal-imputat li huwa munit b'fedina penali xejn u xejn felici b'hafna reati tal-istess natura, ossia jew ta' sewqan minghajr licenzja tas-sewqan u polza ta' assikurazzjoni jew ta' serq kwalifikat;

12. Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation u hija tal-fehma illi l-appellant ma gharafx jisfrutta l-possibilitajiet kollha li nghatawlu sabiex jittanta jirriforma ruhu. Ghad illi dan huwa possibbli jehtieg illi jaghraf li jehtieg jassumi r-responsabilita' ta' eghmilu u jgharaf li ma jistax *sic et simplicitur* jidhol fis-santwarju ta' terzi sabiex jisraq dak li jsib minghajr l-icken hsieb ghat-trawma li r-residenti jibqa' jsofri tul hajtu kawza ta' dik l-invazjoni u l-ispoll tal-ispazju ta' hwejgu intiz biex jaghti serhan il-mohh li dak huwa l-fond fejn jista' joqghod, jiekol, jorqod u jqum ta' kuljum;

13. Illi din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena, liema piena, anke tenut kont li ma kellux jinstab hati tal-kwalifika tal-hin u kommissjoni tar-reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza, xorta wahda tibqa wahda proporzjonata. Sabiex ikun skansat kull ekwivoku, minkejja li l-Qorti ser tghaddi biex tillibera fejn ghandha tillibera, l-piena ser tibqa' dik kif erogata mill-ewwel Qorti;

14. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata moghtija fil-konfront tal-imputat Ryan Briffa billi ma ssibux hati tal-kwalifika tal-hin fl-

imputazzjoni ta' serq ravvizata fit-tieni imputazzjoni u konsegwentement tilliberah mis-seba' imputazzjoni filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija inkluz fil-piena kominata.